MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 222/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Mario John Debono, ta' 32 sena, iben Michael Joe u Maria Tania nee Refalo, post tat-twelid Toronto Ontario, Canada, imwieled nhar id-29 ta' Mejju, 1975, residenti f'numru, 148, 'San Lorenzo', fi Triq il-Forgo, Naxxar u li ghandu numru tal-karta ta' l-identia 118788(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario John Debono u cioe`talli bejn il-11 ta' Awissu, 2007 u it-12 ta' Awissu, 2007, f'dawn il-gzejjer Maltin u gewwa Triq is-Simblija, in-Naxxar, ghamel hsara volontarja fil-vettuira

bin-numru ta’ registrazzjoni AAD184 tal-marka Renault, liema hsara hija aktar minn hamsin Lira Maltin izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta’ Joseph Zammit li ghandu numru tal-I.D. 0627640(M).

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Genearli sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat kif ukoll illi l-imputat ikkumpensa lill-parte leza d-danni minnu ikkagunati. Il-Qorti madanakollu ma tistax hlief tikkundanna l-agir ta’ l-imputat u twissi lill-imputat li imgieba bhal din ma ghandhiex terga’ tirrepeti ruhha ghall-ebda raguni u taht l-ebda cirkostanzi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed torbot lill-hati sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lil Joseph Zammit u dan taht penali ta' elf mija u hamsa u sittin (€1165) dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------